MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 244/2006

Il-Pulizija
(Spt. S. Valletta)

Vs
Valentine Sciberras

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli:

a) nhar it-23 ta' Lulju, 2002 ghall-habta ta' nofs siegha ta' filghodu, gewwa ta' Xbiex volontarjament ta n-nar bastiment bil-konsegwenza li l-istess hruq qabbad banda ohra w cioe' bastimenti ohra;
b) f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gewwa Ta' Xbiex, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn hames mitt lira Maltin u li sar ghad-detriment ta' diversi persuni;

c) bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza, ikunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat;
d) fl-istess data, lok u cirkostanzi, iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri Kriminali sabiex jizgura li dak ir-reat kien sar;
e) fl-Imsida ghall-habta tad-9.30 ta’ filghodu, halef il-falz quddiem Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b’ligi li jaghti l-gurament, liema gurament kien mehtieg mill-ligi, jew ordnat b’sentenza jew b’digriet ta’ wahda mill-Qrati ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Gunju, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 316(b), 325(a), 110(1), 110(2), 108, 109 u 17(b) tal-kodici Kriminali, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu w ikkundannatu ghal piena ta’ sitt (6) snin prigunerija, w ordnat l-interdizzjoni generali tal-appellant ghal ghaxar snin, liema perjodu jibda jidekorri mid-data ta’ din is-sentenza w wara li rat ukoll l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali kkundannatu li jhallas is-somma ta’ erba’ mija w hdax il-lira Maltin (LM411) spejjez inkorsi fil-hatra ta’ periti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta’ Lulju, 2006, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata inkwantu sabet lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti kontrih u kkundannatu ghall-piena ta’ sitt snin prigunerija, u fejn giet ordnata l-interdizzjoni generali tal-appellant ghal ghaxar snin liema perjodu kellu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza, u ordnat lill-appellant ihallas is-somma ta’ erba’ mija w hdax il-lira Maltin (LM411) spejjez inkorsi fil-hatra tal-periti w tilliberah minn kull imputazzjoni w piena skond il-ligi w, fl-eventwalita’ li ma tilqghax l-aggravji dwar il-mertu, tirriforma s-sentenza appellata billi timponi piena aktar ekwa w gusta ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu kemm f' aggravji dwar l-apprezzament tal-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti, kif ukoll fuq diversi punti ta' dritt procedurali w sostantiv.

L-aggravji dwar l-apprezzament tal-fatti huma fil-qosor is-segwenti:- li t-tlitt ragunijiet li adduciet l-Ewwel Qorti fil-motivazzjoni taghha biex sabet htija w cioe': 1. li l-appellant kien fuq il-post tal-ispluzzjoni w fil-fatt garrab feriti ta' natura hafifa li jindikaw li kien qrib hafna tal-ispluzzjoni; 2. li l-fatti xjentifici ma jaghtux ragun lill-appellant u li l-verzjoni tieghu hija wahda li ma titwemminx; u 3. li r-rizultat tal-indagni fuq it-telefon cellulari tieghu ma jaghtuhx ragun, mhumiex validi, fihom kontradizzjonijiet u huma bazati fuq provi deficjenti proceduralment u m'ghandhomx iwasslu necessarjament ghall-konkluzzjoni li kien hu li kkaguna l-incident in ezami w li ta verzjoni mhux preciza intenzjonalment u biex jizvija l-investigazzjonijiet.

L-aggravji ta' natura legali huma s-segwenti:- 1. li l-Ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni w interpretazzjoni erronja tal-artikolu 316(b) tal-Kap.9 ghax is-suggett passiv tar-reat irid ikun persuna ohra w mhux l-akkuzat stess. F' dal-kaz minn imkien ma rrizulta li fil-mument tal-hruq tad-dghajsa kien hemm xi persuna ohra fl-istess dghajsa jew f' xi dghajsa ohra li seta' kien hemm magenbha. Ghalhekk hu ma setax jinstab hati ta' din l-akkuza. 2. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni w interpretazzjoni erronja tal-artikolu 108 tal-Kap.9 ghax mill-atti ma jirrizultax li l-esperti nominati mill-Qorti kienu nghataw xi inkariku li jisimghu ix-xhieda jew addirittura li jamministraw il-gurament kif jirrizulta minn-nomina a fol. 4 tal-process verbal. Inoltre l-ewwel Qorti ma ddistingwietx dwar jekk hux qed issib htija taht l-art. 108(1) (a) jew l-Art. 108(1)(b). Inoltre l-akkuza lanqas giet pruvata ghax ma tirrizultax id-data meta suppost gie kommess dar-reat. Inoltre l-Ewwel Qorti jmissha hadet in konsiderazzjoni dak li qal l-espert Kurunell Albert Camilleri fil-fol. 24 tar-relazzjoni tieghu dwar l-amnesija ta' min jinhakem minn espluzzjoni. 3. Li saret ukoll enuncjazzjoni w interpretazzjoni hazina tal-artikolu 110(1) u (2) tal-Kap.9. ghaliex ma jirrizulta minn

imkien li l-appellant holoq cirkostanza jew fatt li 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra. Lanqas ma jirrizulta li l-appellant iddenuncja jew holoq tracci ta' reat skond l-art. 110(2). Jekk stess jirrizulta xi haga f' dan is-sens, dan jirrizulta li sar fil-mument li l-esponent kien taht stat t' arrest u huwa stess indagat u kwindi f' tali stat ma jista' qatt ikollok ir-reat ravvizat fl-art. 110(2). 4. Li saret enuncjazzjoni w interpretazzjoni zbaljata tal-artikolu 325 tal-Kap.9 ghax l-*actus reus* irid ikun xort' ohra minn dawk imsemmija fl-artikoli precedenti ghall-Art. 325. Inoltre lanqas ma jirrizulta li l-akkuzat volontarjament ghamel xi hsara fi hwejjeg haddiehor.

Finalment l-appellant jissottometti li l-piena fic-cirkostanzi kienet eccessiva.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tas-27 t' Ottubru, 2006 li biha ddikjara li jaqbel li mill-atti ma jirrizultax li l-esperti nominati mill-Qorti nghataw xi nkariku li jisimghu xhieda jew jaministraw il-gurament u li fil-kaz tar-reat kontemplat fl-art. 325, tal-Kodici Kriminali, wara li ha nota tal-gurisprudenza indikata lilu, kien qed jirrimetti ruhu f' idejn din l-Onorabbli Qorti, kif ukoll fejn ghamel riferenza ghal ghadd ta' sentenzi ta' din il-Qorti fir-rigward ta' akkuzi ohra.

Ikkonsidrat;

Illi qabel ma din il-Qorti tidhol fuq il-kwistjoni tal-apprezzament tal-fatti, jidher opportun li tiddisponi minn certi aggravji ta' natura legali li fuqhom jew ma hemmx kontestazzjoni da parti tal-prosekuzzjoni jew fejn il-prosekuzzjoni, in vista tal-gurisprudenza ndikata lilha, rrimettiet ruha ghal-gudizzju ta' din il-Qorti.

Kif jirrizulta min-Nota tal-Avukat Generali, hu jaqbel li l-periti nominati mill-Magistrat tal-Ghassa Dr. J. Padovani

Grima, ma nghatawx il-fakolta' li jisimghu ix-xhieda w li jamministraw il-gurament. Di fatti kif jirrizulta mid-Digriet tan-nomina ta' dawn l-esperti w senjatament il-Kurunell Albert Camilleri w l-Professur Alfred Vella, (fol.4 tal-process verbal.) ma jintqalx li dawn inghataw dawn il-fakoltajiet mill-Magistrat tal-Ghassa w jinghid biss li wiehed kien qed jigi nominat "*bhala espert tal-isplussivi*" u l-iehor *"bhala espert tan-nirien*" rispettivament. Minkejja din in-nomina monka, jidher li l-espert Professur Vella ghadda biex jisma x' xhieda, inkluza dik tal-appellant, bil-gurament. Jidher li dan gara ghaliex il-Professur Vella kien taht l-impressjoni zbaljata li kien wkoll inkarikat (forsi kif kien f' nomini precedenti) biex *inter alia* "*jisma x-xhieda*" (Fol. 26 Dok AV), pero', fir-realta', ma kellux din il-fakolta' moghtija lilu w ghalhekk hu ma setax jassumi li kienet inghatatlu. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs.Francis Vella"** [30.03.1993], meta kien gie milqugh aggravju simili ghal dan, *"in-nomina ta' espert mhux necesarjament tinvolvi l-awtorizzazzjoni li jamministra l-gurament"*. Konsegwentement, anki kieku kellu jirrizulta li meta xehed quddiem dan l-espert, l-appellant kien xehed il-falz, qatt ma jista' jirrizulta r-reat kontemplat taht l-artikolu 108 (1) u/jew (2) ghaliex l-Professur Alfred Vella ma jirrizultax li kellu s-setgha b' ligi li jaghti l-gurament. Konsegwentement l-appellant ghandu ragun bis-shih li r-reat dedott kontra tieghu fil-hames imputazzjoni ma jista' qatt jirrizulta f' dan il-kaz, in vista' tan-nuqqas ta' dan l-element kostituttiv tar-reat.

Ikkonsidrat;

Illi t-tieni aggravju ta' natura legali hu dak relatat mat-tieni imputazzjoni ta' danni volontarji fuq il-proprjeta' ta' terzi. L-appellant gustament jargumenta li ladarba l-hsara qed jigi allegat li saret bhala rizultat t' incendju mqabbad mill-appellant, allura l-Avukat Generali ma setax jinvoka l-artikolu 325 bhala l-artikolu li tahtu setghet tinstab htija. Konsegwentement lanqas l-Ewwel Qorti ma setghet tibbaza l-htija tal-appellant fuq dan l-artikolu. L-appellant ghamel riferenza ghal sentenza ta' din il-Qorti, kif preseduta, fejn gie trattat u deciz dan il-punt, fl-appell

kriminali **"Il-Pulizija vs. Mark Mizzi"** [ 11.5.2006]. Di fatti f' dik is-sentenza din il-Qorti qalet hekk :-

*"Illi l-kontenzjoni tad-difiza quddiem l-Ewwel Qorti kienet li l-artikolu 325 ma japplikax ghal dawn il-fatti ghaliex l-actus reus ma jistax ikun dak ta' tqabbid ta' nar go dar, ghaliex dak ir-reat hu kopert b' artikoli ohra tal-ligi , senjatament bl-artikoli 316, 317 u 318 tal-Kodici Kriminali. Invece l-artikolu 325 indikat mill-Avukat Generali fin-nota tieghu, jipprovdi ghall-kazijiet ta' min volontarjament ihassar,jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew imobbli,* ***b' mezzi xort' ohra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu.***

*"Issa s-Sub-titolu IV tat-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali, li jittratta dwar delitti kontra s-sigurta' pubblika u fuq hsarat fil-proprjeta', johloq diversi reati specifici w cioe' :- dak ta' hsara bi* ***spluzzjoni*** *doluza (art. 311,312,) dak ta' min izomm jew jaghmel* ***sustanza esplussiva*** *(art. 313); dak ta' min dolozament jikkonsenja jqieghed, jispara jew jisplodi xi* ***mezz letali*** *u cioe' kull haga imfassla sabiex, jew li ghandha l-kapacita' li tikkawza l-mewt, hsara gravi fuq il-persuna jew proprjeta' billi thalli johorgu jew jinfirxu, jew bl-impatt ta' kimici tossici jew agenti biologici, jew toxins jew sustanzi simili jew radjazzjoni jew materjal radioattiv (art. 314A); dak ta' min dolozament ikollu ghandu jew jaghmel uzu minn, jikkonsenja, ibiddel, jiddisponi minn jew ixerred* ***materjal nukleari*** *li jista' jqieghed f' perikolu il-hajja ta' haddiehor, ecc. (art. 314B); dak ta' min jaghti* ***n-nar*** *jew b' xi mod iehor jiddistruggi tarznar, bastiment tal-gwerra, mahzen tal-porvli, bacil pubbliku jew kamp ta' artillerija; (art. 315) ; dak ta' min* ***jaghti n-nar lil dar , mahzen hanut , dar t' abitazzjoni , bastiment, bacil jew bini iehor, gharix jew xi lok iehor, meta hemm gew ikun hemm persuna fil-waqt tal-hruq*** *(art. 316); dak ta' min volontarjament* ***jaghti n-nar lil bini, gharix jew lok iehor izda meta gewwa ma jkun hemm ebda persuna fil-waqt tal-hruq, ecc****. (art. 317); dak ta' min* ***jaghti n-nar lil bini gharix jew lok iehor izda fil-waqt li ma jkun hemm ebda persuna hemm gewwa u dan il-bini, gharix jew lok iehor ikun qieghed b' mod li ma jistax iqabbad hruq f' bini, iehor,***

***gharix jew lok iehor, fejn waqt il-hruq ikun hemm xi persuna hemm gewwa*** *(art. 318) dak ta' min* ***jaghti n-nar lil dwieli, qatgha imhawwla ta' sigar, munzelli, jew gemgha ohra ta' qmugh , qoton jew prodott iehor simili****, ecc. (art. 319); dak ta'* ***espluzzjoni ta' mina*** *(art. 320); dawk ta'* ***wiri ta' dwal foloz*** *b' perikolu ghan-navigazzjoni u* ***qtugh ta' ktajjen*** *(art. 321, 322 u 323).*

*"Wara din il-lista ezawrjenti hafna li tikkontempla numru kbir ta' mezzi differenti kif wiehed jista' jikkaguna hsara lil persuni jew proprjeta', il-ligi fl-artikolu 325 tohloq speci ta' delitt residwali biex ikopri xi tip ta' hsara ohra li ma hix inkluza fl-artikoli dettaljati w specifici li jippreceduh u tghid testwalment :-*

*"(1) Kull min,* ***B' MEZZI XORT' OHRA MINN DAWK*** *IMSEMMIJA FL-ARTIKOLI TA' QABEL TA' DAN IS-SUB-TITOLU , volontarjament ihassar jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor , mobbli jew immobbli , jehel meta jinsab hati…." (sottolinear ta' din il-Qorti.)*

*"Illi l-appellat qed jissottometti – kif ghamel anki quddiem l-Ewwel Qorti b' success – li d-dicitura ta' dan l-artikolu ma thalli ebda dubju li biex jissussisti dan ir-reat, irid jigi uzat xi mezz differenti ghal kollox mill-mezzi elenkati b' mod ezawrjenti fl-artikoli ta' qabel.*

*"Din il-Qorti taqbel ma din is-sottomissjoni. Dan ghaliex il-fatti li qed jigu addebitati lill-appellat huma proprju dawk li* ***ta nar*** *lill-****bini jew dar t' abitazzjoni*** *w b' hekk ikkaguna danni fil-proprjeta' tal-genituri tieghu. Kjarament dan l-agir li jaqa' taht ir-reat tal-incendju doluz hu espressament kopert b' xi wiehed mill-artikoli 316, 317 u 318 fuq imsemmija, skond ic-cirkostanzi li jirrizultaw. Igifieri l-legislatur haseb b' reat "ad hoc" taht id-diversi cirkostanzi kontemplati f' dawn it-tlitt artikoli ghall-agir addebitat lill-appellat u ghalhekk hawn ma jidholx l-artikolu residwali kontemplat fl-artikolu 325.*

*"…. Konsegwentement l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ddecidiet li l-"mezzi xort' ohra" imsemmija fl-artikolu 325*

*ma jikkomprendux l-ghoti tan-nar lil bini w abitazzjoni, ghax dan hu mezz kopert b' artikoli ohra "ad hoc"."*

Issa f' dan il-kaz din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tad-difiza li biex tirrizulta imputazzjoni akkampata fuq l-artikolu 325, il-hsara volontarja trid tkun ir-rizultat ta' xi mezz iehor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel tal-istess sub-titolu. Invece hawn jirrizulta li l-hsara grat bhala konsegwenza ta' hruq li kkomunika ruhu lill-proprjeta' ta' terzi li kellhom ingenji tal-bahar irmiggjati vicin il-lanca tal-appellant jew li kellhom bini vicin, reat kopert bid-dispozizzjonijiet tal-artikoli 317 u/jew 318. Ghalhekk l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tibbaza l-htija ghat-tieni imputazzjoni fuq l-artikolu 325 kif jidher li ghamlet fis-sentenza appellata. Jinghid ukoll li l-Avukat Generali, fid-dawl tas-sentenza appena fuq citata, lejalment irrimetta ruhu dwar dan l-aggravju, li qed jigi akkolt minn din il-Qorti.

Ikkonsidrat;

Illi qabel ma tghaddi ghall-aggravji l-ohra ta' punti ta' dritt, issa jidher opportun li din il-Qorti tinvesti l-aggravji li jirrigwardaw l-apprezzament tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi traskritti quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi kif gie ripetutament ritenut minn din il-Qorti l-principju regolatur huwa li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f' dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; "**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs. George Azzopardi "** [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u tant sentenzi ohrajn .)

Ghalhekk, din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija dwar l-ewwel, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, u dana in vista' ta' dak li gja gie deciz fir-rigward tat-tieni w l-hames imputazzjonijiet.

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti tal-kaz gew riassunti tajjeb mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u ma hux il-kaz li jergghu jigu ripetuti f' dis-sentenza, hlief ghal xi fatti saljenti u cioe' :- li rrizulta li meta sehhet l-isplużzjoni kagjonata minn *"deflagration*" kagjonata minn *ignition* ta' "*vapour phase*" fuq il-lancja tal-appellant Lady Tess, go Msida Creek faccata tal-Busy Bee, fil-lejl tat-23 ta' Lulju, 2002, l-appellant kien *"ex admissis*" fuq l-istess lancja, f' dak il-hin tard tal-lejl. L-esperti skontaw il-possibilita' li l-ispluzzjoni saret wara li kien hemm "*nhar zghir*" diga' jaqbad fil-lancja w eskludew dana bhala inkompatibbli mal-fatti stabbiliti minnhom waqt l-accessi w mill-ezami tal-lancja danneggjata u mid-debris li nstab fil-vicinanzi, kif ukoll min-natura tal-hsarat li sofrew l-ingenji tal-bahar li kienu marbuta vicin il-Lady Tess. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-Ewwel Qorti setghet liberament tistrieh fuq il-konkluzzjoni tal-esperti, partikolarment dik tal-Professur Alfred Vella, li kien nominat mill-Magistrat tal-ghassa bhala "espert tan-nirien". Hu minnu li dan l-espert ma qabilx mall-espert tal-esplussivi Kurunell Camilleri fuq haga wahda u cioe' jekk in-nhar li kkaguna l-ispluzzjoni sarx fuq jew taht il-gverta tal-lancja, pero' din id-divergenza fil-fehma ta' din il-Qorti ma tnaqqasx mill-validita' tal-kostatazzjoni komuni li ghamlu dawn iz-zewg esperti u cioe' li kien hemm prezenza ta' *vapours* qawwija tal-petrol fuq il-lancja li meta gew *ignited,* holqu spluzzjoni.

Li rrizulta wkoll mir-relazzjoni ta' Dr. Mario Scerri li ghamel l-ezami mediko-legali fuq il-persuna tal-appellant, li dan kien qed isofri minn lezjonijiet fuq il-mohh, fuq l-id il-

lemenija, fuq l-id ix-xellugija u fuq il-pala tal-id ix-xellugija li kienu kompatibbli ma lezjonijiet kagjonati min-nar. Kien hemm lezjonijiet ohra kompatibbli ma brix u ma "*blunt trauma*" u dawn il-lezjonijiet kienu kollha friski w kien ilhom li saru ftit sieghat biss u cioe' ghall-habta tal-hin li fih allegatament sehh l-incident. (fol. 79).

Illi fl-istqarrija tieghu (fols. 97 sa 101 tal-process) l-appellant jispjega l-prezenza tieghu fuq il-lancja tieghu f' dak il-hin li sehh il-hruq billi qal li kien spicca mix-xoghol fil-freeport f' nofs il-lejl u waqt li kien qed isuq lura d-dar, ezatt kif qabez il-mini ta' Santa Venera, rceva telefonata anonima fuq il-mobile phone tieghu numru 99470486 u lehen ta' ragel li hu m'gharfux qallu : "*Id-dghajsa qed taqbad.*" u qata' l-linja. Ghalhekk hu mar jara x' kien hemm billi zied l-speed tal-vettura tieghu. Ipparkja l-van taht is-sigar (magemb il-bankina fuq in-naha tal-bahar) u mar hdejn id-dghajsa u tela' fuq il-*bathing platform* li ghandha fuq wara w nnota li z-zip tat-tinda kien miftuh. Kif bexxaq l-incirata tat-tinda ra fjamma zghira qiesha ta' xemgha zghira. Kif fetah l-incirata ftit aktar, halli jgib pyrene li kien tahtu, ra nar qawwi li kien qiesu berqa w sema' spluzzjoni li tefghetu l-bahar.

Meta xehed in propria difesa quddiem l-Ewwel Qorti (Fols. 214 sa 229), l-appellant ta tista'tghid versjoni identika ghal dik li kien ta fl-istqarrija tieghu ghajr li zied xi dettalji zghar li gie mistoqsi dwarhom. Qal li kellu problemi fuq id-dghajsa ghax meta kien xtara luzzu kwazi imkisser biex jiehu l-post fejn jorbot kienu qatghulu mill-ewwel u sena qabel kienu qalghulhu l-iskrejjen tad-dghajsa w dwar dan l-ahhar incident kien ghamel rapport l-ghassa tal-Msida. Kellu ukoll xi telefonati anonimi minn xi hadd li ried il-post fejn kienet marbuta d-dghajsa.

Irrizulta wkoll li din id-dghajsa kienet assikurata ma' Citadel Insurance ghall-periodu sal-31 t' Ottubru, 2002 taht polza *comprehensive*. L-*insurance limit viz a viz third parties* kien ta' LM100,000 u ghal *"own damage"* il-limit kien ta' erbatax il-elf lira. (ara depozizzjoni ta' Dr. Edmond Zammit Laferla a fols. 189 sa 192). Fl-istqarrija tieghu l-appellant kien qal li kien zied il-*coverage* minn LM12,000

ghall-LM14,000 xi tlitt snin qabel l-incident (Fol. 97). Meta l-appellant kien mar ghand tal-insurance fis-26 ta' Lulju, 2002, (u cioe' tlitt ijiem wara l-incident) kien insista li ma riedx jaghmel *claim.* Pero' kien umbaghad ghamel *claim* fid-29 ta' Jannar, 2003 (fol. 190).

Ikkonsidrat;

Illi l-Ewwel Qorti, kif intqal, adduciet tlitt motivazzjonijiet biex sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha. Wiehed minnhom kien li r-ricerka li saret ma tal-Vodafone ma tatux ragun (recte: ma kkorroboratx dak li kien qal dwar it-telefonata anonima li minhabba fiha mar fuq il-lancja dak il-hin). L-Ewwel Qorti kienet qed tirriferi prezumibbilment ghall-ittra Dok. SV1 esebita mill-Ispettur Valletta (fol. 94) u l-*attachments* taghha (fols. 95 u 96). Illi l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu jobbjetta bil-qawwi w gustament dwar il-validita' ta' din il-prova. Ghandu ragun meta jghid li l-kontenut ta' din l-ittra qatt ma gie konfermat bil-gurament mill-persuna li ffirmata u cioe' x' aktarx certa Maria Cutajar (jekk il-firma qed tinqara sew), li ffirmat *"F/Dr. Joanna Drake".* Dan kien nuqqas serju ghax il-provi quddiem il-Qrati ma jsirux b' ittri li jintbaghtu lil Pulizija. Inoltre, l-istess ittra meta fuq nett taghmel riferenza ghan-numru tal-mobile phone, fiha numru disgha (9) maqtugh bil-linka, bla ma hadd ma inizjala din il-korrezzjoini. Inoltre, stranament, fil-waqt li n-numru tal-mobile phone tal-appellant rrizulta li kien 9947 0486, fl-*attachments* li juru l-*calls* li saru minn u ghal dak in-numru, in-numru hu indikat dejjem bhala 00356 9947 048 minghajr in-numru sitt (6) fl-ahhar. Hadd ma gie quddiem l-Ewwel Qorti biex jikkonferma bil-gurament il-korrettezza w l-awtenticita' ta' din l-ittra u biex jispjega dawn id-diskrepanzi. Ghalhekk ghandu ragun l-appellant li jghid li hawn ma ngabitx l-aqwa prova u li konsegwentement din il-prova kellha tigi skartata mill-Ewwel Qorti li ma setghetx tibbaza l-motivazzjoni tal-htija fuqha, kif indubbjament ghamlet ghall-inqas *"in parte".*

B'dana kollu jibqghu dejjem il-provi indiretti w indizjarji li johorgu mil-fatt li l-appellant kien wahdu fuq il-lancja tieghu dak il-hin tal-incident, f' hin mhux solitu li nies ikunu

fuq il-lanec wara li jispiccaw mix-xoghol f' nofs il-lejl. Certament, anki jekk tigi skartata l-prova tad-dokument tal-Vodafone fuq imsemmi, li jikkontradici lill-appellant fl-ispjegazzjoni li hu ta ghall-prezenza tieghu fuq il-post dak il-hin straman, kien fl-interess tal-istess appellant, jekk ried li l-versjoni tieghu tigi korroborata f' cirkostanza importantissima, li hu stess jingungi rapprezentant tal-Vodafone w jinsisti li dan jitla' jixhed u jgib l-informazzjoni korretta dwar it-telefonata li suppost irecva. Din il-prova kienet issahhahh mhux bil-ftit il-versjoni tieghu. Dan pero' l-appellant inspjegabbilment ghazel li ma jaghmlux u llimita ruhu biss biex jattakka l-validita' tal-informazzjoni emergenti mid-dokument SV1 u xejn aktar. Dan ghal din il-Qorti hu sinifikanti hafna ghaliex minnu wiehed jista' legittimament jinferixxi li anki kieku l-appellant insista li jigi dan ix-xhud mill-Vodafone bl-informazzjoni awtentikata w korretta, dan xorta wahda ma kien ser jissuffragah b' ebda mod! L-appellant ghazel li ma jinsistix ghall-din il-korroborazzjoni importanti w facli li tingieb, kieku verament kienet tezisti w ghalhekk il-versjoni tieghu biex tispjega ghala kien fuq il-lancja dak il-hin baqghet mhux imsahha minn ebda korroborazzjoni. Illi hu minnu li l-akkuzat mhu obbligat li jipprova xejn fis-sistema legali taghna, imma hawn kien hawn fatt – cioe' l-prezenza tieghu fuq il-lancja dak il-hin inoltrat tal-lejl – li kien jirrikjedi spjegazzjoni da parti tieghu, li trid tissodisfa lill-gudikant al menu sal-grad tal-probabbli. Kieku gab il-prova li vera kien irceva dik it-telefonata f' dak il-hin, ghalkemm ma kienx ikun hemm il-prova tal-kontenut tat-telefonata per se, imma dan kien zgur jaghmel l-ispjegazzjoni tieghu aktar verosimili w kwindi aktar attendibbli.

Imma l-Ewwel Qorti kellha l-prova xjentifika li harget mir-relazzjoni tal-espert Professur Vella u cioe' li l-ispjegazzjoni li dejjem ta l-appellant ta' kif sehhet l-ispluzzjoni kienet inkompatibbli ma' dak li gie konstatat mill-espert u li ma setax ikun hemm nhar zghir qiesu ta' xemgha jaqbad go enclosed space taht it-tinda li kienet tkopri ermetikament il-wara tal-lancja meta fl-istess hin dak l-ispazju kien mimli vapours ta' sustanza fjammabbli bhal ma hi l-petrol. Din l-ispjegazzjoni tal-appellant giet

kategorikament eskluza xjentifikament u kwindi meta l-appellant tela fuq il-*bathing board* tal-lancja ma setax ra nhar zghir, ghax dan nar ma setax kien hemm f' dak l-ambjent mimli petrol vapours ghax kieku il-lancja kienet tkun splodiet ferm qabel. Mela n-nar sehh minnhabba li gew ignited il-vapours tal-petrol wara li l-ambjent gie imxarrab bil-petrol. Ladarba dak il-hin fuq il-lancja fil-hin tal-*combustion* u *deflagration* ma kien hemm hadd hlief l-appellant, kollox jipponta f' direzzjoni wahda w cioe' li n-nhar qabbdu hu. Probabbilmewnt ma kkalkolax tajjeb x' ikunu l-effetti ta' *ignition* ta' spazju permeat bil-*vapours* tal-petrol u li minnflok nhar li jaghtih cans jirtira minn fuq il-post, kien nar li kkaguna spluzzjoni li addirittura harqitu w tefghatu fil-bahar.

Bir-rispett jintqal li l-Kurunell Camilleri ma giex nominat bhala espert psikjatra imma bhala espert tal-isplussivi. Certament ma kienx fil-mansjoni tal-inkariku tieghu li jirrelata, kif ghamel, dwar l-aspetti psikologici li jsofru minnhom vittmi ta' spluzzjonijiet. Jekk l-appellant ried li jispjega l-konflitt bejn il-versjoni li ta tal-incendju w dak li hareg mir-relazzjoni tal-espert Professur Vella minnhabba xi raguni psikika, jmissu talab in-nomina ta' psikjatra hu stess u mhux jipprova jiggranfa ma' paragrafu tar-relazzjoni tal-Kurunell Camilleri. Del resto, mbaghad ma tantx jidher li l-appellant sofra minn xi amnesija, ghax sa mill-bidu nett ta versjoni dettaljatissima ta' dak li skondu suppost kien gara mill-mument li hu tela fuq id-dghajsa sal-mument tal-ispluzzjoni w zamm ma din il-versjoni ghall-erba snin shah sa meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti. Ghalhekk l-inkompatibilita' bejn dak li spjega l-appellant u l-kostatazzjonijiet u r-rizultanzi xjentifici ma tistax tigi attriwbwita ghall-xi effett psikiku ta' shock. Din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti, ghall-kuntrarju ta' dak li jghid l-appellant , hija sodisfatta li dak li stqarr u xehed l-appellant – u li d-difiza fir-rikors taghha taccetta li ma jirrispekkjax il-verita' ta' kif gara l-incident – intqal intenzjonalment biex jizvija l-investigazzjoni ghaliex kien hu biss li seta' kkaguna l-incident.

Inoltre, la kif jghid l-istess appellant, il-lancja tahdem bid-deisel u hu ma jzommx petrol abbord normalment, u

ladarba n-nar tqabbad bl-uzu ta’ kwantita’ ta’ petrol, hu ovvju li l-hruq ma sarx incidentalment jew b’ xi zball jew negligenza, imma addirittura dolozament u volontarjament.

Ghalhekk din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti, tara li hemm provi indizjarji bizzejjed biex jigi stabilit li kien l-istess appellant li appikka n-nar lil-lancja tieghu stess, lancja assikurata *”comprehensive*” ghall-valur awmentat ta’ LM14,000. Konsegwentent ma tarax li ghandha tiddisturba l-apprezzament dwar il-fatti maghmul mill-Ewwel Qorti w dan anki jekk tigi skartata l-prova – kif ghandha tigi skartata – fornita mid-dokument SV1.

Ikkonsidrat;

Illil-appellant pero’ jobbjetta ukoll li l-artikolu 316 (b) li fuqu tidher bazata l-ewwel imputazzjoni skond in-Nota ta’ l-Avukat Generali (fol.210) u skond ma gie citat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ghandu bhala element essenzjali tieghu li s-soggett passiv tar-reat irid ikun persuna differenti w mhux l-akkuzat stess. In sostenn ta’ dan iccita s-sentenza ta’ din il-Qorti (Sede Superjuri) fil-kawza **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Joseph Desira “** [13.5.1999]

Fit-trattazzjoni orali tieghu, l-abbli prosekutur Dr. Tonna Lowell, issottometta li f’ kaz li ma tirrizultax htija taht l-artikolu 316(b) tista’ tinstab htija taht l-artikolu 317 jew 318 li huma reati komprizi w involuti fir-reat kontemplat fl-art. 316 (b).

l-abbli difensur Dr. Joseph Giglio pero’ rribatta li se mai mhux l-artikolu 317 imma l-artikolu 318 hu applikabbli, imma f’kull kaz dan mhux reat kompriz u nvolut fl-artikolu 316.

Ikkonsidrat;

Illi is-sentenza ta’ **Joseph Desira** citata mill-appellant proprjament tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-artikolu 311 tal-Kodici Kriminali u mhux tal-artikolu 316(b) in dizamina.

B’ dana kollu, fil-fehma ta’ din il-Qorti d-difiza ghandha ragun meta tissottometti li l-persuna li tkun gewwa l-lok jew bastiment li jinghata n-nar u cioe’ s-suggett passiv tar-reat trid ikun differenti mill-persuna li attwalment tkun appikkat l-incendju w li konsegwentement ma jistax ikun applikabbli l-artikolu 316(b) invokat mill-Avukat Generali, ghaliex fuq il-lancja Lady Tess, meta gie appikkat in-nar, ma rrizulta li kien hemm hadd iehor hlief l-appellant innifsu li hu l-persuna li qabbad in-nar. Lanqas ma hu applikabbli, fil-fehma ta’ din il-Qorti l-artikolu 317, ghax ma saret ebda prova li fil-bastimenti jew ingenji tal-bahar li kienu vicin il-Lady Tess u li spiccaw qabdu ukoll jew gew danneggjati bin-nar jew, addirittura fil-bini tal-faccata, qrib fejn anki spiccaw waslu xi oggetti jaqbdu w li ntfew mill-ewwel Pulizija li wasal fuq il-post, kien hemm xi nies fihom, anki jekk, f’ kull probbabilta’, x’ aktarx li fil-bini faccata tat-triq kien hemm xi nies. Imma l-probabbli mhux bizzejjed biex tirrizulta l-htija, trid issir il-prova sal-grad tac-certezza morali.

Invece tidher li tirrizulta fil-konfront tal-appellant l-imputazzjoni taht l-artikolu 318, li, fil-fehma ta’ din il-Qorti, hija wahda kompriza w involuta fir-reat imputat lill-appellant mill-Avukat Generali, ghaliex tikkontempla proprju l-istess att materjali kontemplat fl-artikolu 316 ossia “***kull min jaghti volontarjament jaghti n-nar li bini, gharix jew lok iehor imsemmi fl-artikolu 316”*** (ergo bastiment ukoll), pero’ b’konsegwenzi inqas gravi ghax fil-lok ma jkun hemm hadd iehor u ma jkunx hemm il-perikolu li jaqbad lok iehor fejn ikun hemm xi persuna hemm gew. Fil-kaz ta’ dar-reat, il-piena hija wahda inqas minn dik kontemplata fl-artikolu 316 u 317, u ghalhekk hu certament *“reat izghar*” li hu kompriz fl-ewwel imputazzjoni kif testwalment dedotta fit-termini tal-art.467 (4).

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-aggravju ta’ natura legali sollevat mill-appellant huwa gustifikat izda ma jwassalx ghall-assoluzzjoni kompleta, imma biss biex tinstab htija ta’ reat minuri kompriz u involut kontemplat fl-artikolu 318 minnflok dak addebitat lill-appellant taht l-artikolu 316 (b), kif ser jigi deciz f’ din is-sentenza.

Ikkonsidrat;

Illi aggravju iehor ta' natura legali hu li l-Ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni w interpretazzjoni erronja tal-artikolu 110(1) u (2) li fuqhom jidher li huma bazati t-tielet u r-raba' imputazzjoni. Jintqal mill-ewwel li, ghamel x' ghamel l-appellant, ma jirrizultax li dan ghamlu bil-ghan li johloq xi fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem <u>jiswew bi prova kontra persuna ohra u bil-hsieb li dik il-persuna ohra tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat</u>. Di fatti, kemm meta tkellem mal-ewwel pulizija li waslu fuq il-post, kemm meta tkellem mall-ispettur, kemm meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu kif ukoll meta tkellem quddiem l-esperti w del resto anki meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant qatt ma indika xi persuna suspettata jew indizjata bil-hruq tal-lancja tieghu. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti dak li ghamel l-appellant qatt ma jista' jinkwadra ruhu taht l-ewwel sub-artikolu tal-artikolu 110 u kwindi t-tielet imputazzjoni bl-ebda mod ma tirrizulta pruvata mill-atti processwali w ghalhekk ma kellux jinstab hati taghha.

Mhux l-istess pero' ghar-raba' imputazzjoni, bazata fuq it-tieni sub-artikolu tal-art.110. Una volta li gie stabilit mill-Ewwel Qorti w qed jigi konfermat minn din il-Qorti li kien l-istess appellant li ta n-nar lill-lancja tieghu, dak kollu li hu sussegwentement ghamel meta tkellem mall-pulizija kien jammonta ghal denunzja ta' reat u cioe' li xi haddiehor – mhux hu – kien incendjalu l-lancja w jirrizulta zgur ukoll li hu kien holoq tracci ta' dar-reat, b' mod li setghu jimbdew proceduri kriminali biex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Di fatti hekk gara w addirittura nfethet inkjesta magisterjali biex tizgura jekk kienx gara dak li l-appellant kien iddenuncja w addirittura holoq it-tracci tieghu.

L-appellant pero' jobbjetta ukoll li mill-atti ma jirrizultax li l-appellant iddenunzja jew holoq tracci ta' reat u li, jekk jirrizulta xi haga f' dan is-sens, dan jirrizulta li sar fil-mument li hu kien taht stat ta' arrest u kien qed jigi ndagat u f' dan l-istat ma jista' qatt ikollok ir-reat ravvizat fl-artikolu 110(2).

Illi dan l-aggravju pero' mhux gustifikat, ghaliex kif jintqal magistralment mis-Sinjorija Tieghu l-Prim' Imhallef, Dr. V. De Gaetano, li ppresjeda din il-Qorti fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Anthony Farrugia"**, [2.4.2004], meta ghadda in rassenja l-gurisprudenza ewlenija w ccita l-awturi in materia, fil-waqt li ghar-reat ta' kalunja wiehed jifhem li l-ispontanjeta' tad-denunzja tista' tkun importanti proprju biex taccentwa l-intenzjoni specifika, li l-agent irid ikollu, sabiex jinkolpa persuna partikolari li huwa jkun jaf li hi innocenti, fil-kaz tar-reat ta' simulazzjoni ta' reat, dik il-Qorti rat l-uzu tal-kelma *"jiddenunzja*" fis-sens generiku w cioe' li *"igib a konjizzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva"*. L-inkriminazzjoni skond l-artikolu 110(2) hija ntiza proprju biex tipprevjeni li l-awtorita' kompetenti toqghod tahli z-zmien tindaga dwar reat li ma jkunx effettivament sehh, apparti l-allarm li l-ahbar jista' jnissel fil-pubbliku w l-fatt li, fil-kors tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija, jista' jaqa' suspett – intortament – fuq persuni li jkunu totalment innocenti. Dik il-Qorti ccitat b' approvazzjoni lil **Maino** fil-kumment tieghu dwar l-artikolu 211 tal-Codice Penale Taljan (Vol.II UTET Torino , 1924 , p.312, para. 1088), fejn jghid :-

"Fu giudicato che, a costituire questo reato, non e' necessaria la spontanieta' assoluta della denunzia: applicarsi quindi l' art. 210 [recte 211] alla falza denunzia [ anche quando e'] stata preceduta da qualche indagine del pubblico ufficiale" .

Kienet iccitat ukoll b' approvazzjoni lil **Ranieri Babboni** "*Dei Delitti contro l'Amministrazione della Giustizia"* Trattato di Diritto Penale , Vallardi (Milano) Seconda Edizione, Vol. V. p33) fejn qal:-

***"Non e' necessario che la denunzia sia fatta spontaniamente , potendo essere costituita anche da risposte date all'Autorita' giudiziaria , che venga per tal-modo informata del preteso reato.* Equivale a denuncia la conferma davanti all' Autorita' giudiziaria della notizia d' un reato fornita precedentemente ad altra Autorita'. "**

Ghalhekk, anki jekk l-appellant, fil-versjoni li ta fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija Esekuttiva iddenuncja reat (skondu kommess minn terzi injoti) li kien jaf li ma sarx , xorta wahda jissussisti r-reat in ezami.

Inoltre fil-kaz in dizamina, bhal fil-kaz appena citat, l-appellant l-ewwel darba li gab a konjizzjoni tal-Pulizija l-fatti tat-telefonata anonima, tal-huggiega zghira u tal-ispluzzjoni tad-dghajsa kien meta ltaqa mall-ewwel ufficjal tal-Pulizija li kien gej mid-direzzjoni tal-ghassa bil-pyrenes biex jipprova jitfi n-nar, u cioe' PS 245 Keith Arnaud (Fol. 106 u 107). Xi hin wara kien ukoll kellem lill-Ispettur Silvio Valletta u tah l-istess versjoni.(fol. 91 u 92). Sa dan l-istadju zgur li ma jistax jinghid li kien hemm xi interrogatorju formali, jew addirittura xi stat t' arrest, w li jkun sar huma xi mistoqsijiet preliminari li, bhal ma dejjem isir, jaghmlu l-Pulizija biex ikollhom idea ta' x' suppost gara. Fil-fehma ta din il-Qorti bil-fatt li l-appellant, f' dan l-istadju bikri, kien verbalment ta informazzjoni lil Pulizija li kienet kjarament tavalla t-tezi tal-incendju doluz kommess minn terzi, huwa kien qieghed effettivament jiddenunzja lill-istess Pulizija reat li hu kien jaf ben tajjeb li ma sehhx. Kien biss fl-24 ta' Lulju, 2002, fil-5pm, u cioe'wara li l-Pulizija gew informati mill-esperti li dak li kien qed jghid l-appellant ma kienx jidher veritier, li mbaghad il-Pulizija haditlu stqarrija formali bhala persuna li kienet qed tigi ndagata .

Apparti dan, l-imputazzjoni taht l-art. 110 (2) zgur li tirrizulta fit-tieni aspett taghha u cioe' fil-holqien materjali tat-tracci tar-reat billi kien hu stess li ncendja l-lancja tieghu w hawn ma tidhol xejn il-kwistjoni tal-ispontanjeta'.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi fir-rigward tal-ahhar aggravju dwar il-piena, din ser ikollha bil-fors tigi ridotta in vista' tal-konkluzzjonijiet fuq raggunti. Il-piena ghar-reat taht l-artikolu 318 li tieghu qed jinstab hati l-appellant hija dik ta' prigunerija minn sentejn sa erba snin, fil-waqt li l-piena kontemplata taht l-artikolu 110 (2) hija dik ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sena. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) jigi li l-

appellant hu soggett ghall-piena massima ta’ erba snin u sitt xhur prigunerija. Din il-Qorti fl-erogazzjoni tal-piena issa applikabbli, ma tistax tinjora l-gravita’ tar-reat tal-incendju doluz li f’ dan il-kaz ikkaguna danni kbar fil-proprjeta’ ta’ terzi, kif ukoll il-gravita’ tar-reat kommess kontra l-amministrazzjoni tal-gustizza skond ir-raba imputazzjoni. Lanqas ma tista’ tinjora l-fatti l-appellant gja kellu hmistax il-kundanna mill-Qrati, sija pure principalment ghall-reati tat-traffiku.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament billi tikkonferma s-sentenza appellata biss in kwantu sabet lill-appellant hati skond ir-raba imputazzjoni bazata fuq l-artikolu 110(2) tal-Kodici Kriminali w tal-ewwel imputazzjoni, izda mhux skond l-artikolu 316(b) imma skond ir-reat kompriz u involut kontemplat fl-artikolu 318, kif ukoll fejn ordnat lill-appellant li jhallas l-ispejjez tal-perizji fl-ammont ta’ Lm411, skond l-art. 533 tal-Kodici Kriminali u tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni, tat-tielet u tal-hames imputazzjoni w in kwantu kkundannatu ghall-piena ta’ sitt snin prigunerija w ordnat l-interdizzjoni generali tieghu ghall-periodu ta’ ghaxar snin u minnflok, tilliberah minn dawn it-tlitt imputazzjonijiet u tikkundannah ghall-piena ta’ prigunerija kumplessiva ta’ erba (4) snin bl-applikazzjoni tal-art. 17(b) tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------